

KLIMA U INDUSTRIJA

1. Fl-2005, l-UE nediet proġett rivoluzzjonarju bl-isem ta' Sistema għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet (EU ETS). Din hija l-ewwel u l-akbar sistema dinjija li tillimita l-ammont ta' gassijiet b'effett ta' serra li jistgħu jiġu emessi, u li twassal biex il-kumpaniji jħallsu għall-emissjonijiet li jirrilaxxaw fl-atmosfera.

Madankollu, mhux l-industriji kollha huma attwalment parti mill-EU ETS. Tista' taqta' liema huma?

TRASPORT BIT-TRIQSIMENTKOSTRUZZJONIKARTUNAGRIKOLTURAALUMINJUHADIDAZZARSKARTHĠIEĠPOTENZA ELETTRIKAKARTAŻEJTTRASPORT BIL-BAĦAR

2. Xi ngħidu dwar l-industriji li mhumiex parti mill-EU ETS? Iddiskuti ma' ħabib(a):

Xorta jridu jnaqqsu l-emissjonijiet tagħhom? **IVA / LE**

Huma barra l-EU ETS minħabba li jarmu inqas gassijiet b'effett ta' serra? **IVA / LE**

Jistgħu potenzjalment jingħaqdu mal-EU ETS xi darba? **IVA / LE**

3. L-industrija tat-trasport hija emittent maġġuri tal-gass b'effett ta' serra. Kont taf li kull vettura tarmi ammont differenti ta' gassijiet serra? Pereżempju, il-mixi ma jipproduċi ebda emissjoni, filwaqt li ajruplan joħloq ħafna.

Fil-fatt, xi ħadd li jtir minn Londra għal New York u lura jiġġenera l-istess ammont ta' emissjonijiet bħal persuna medja fl-UE meta ssaħħan id-dar tagħha għal sena sħiħa!

Fi gruppi żgħar, ippruvaw oħroġu bi klassifikazzjoni (bl-anqas numru ta' emissjonijiet għall-biċċa l-kbira tal-emissjonijiet għal kull passigġir) tal-mezzi ta' trasport li ġejjin:

KAROZZA NORMALIROTADGHAJSA TAL-QLUGHAJRUPLAN TAL-PASSIĠĠIERITRATTURFERROVIJAKARETTUN MIĠBUD
MIŻ-ŻWIEMELBASTIMENT TAL-KRUĊIERIE-SCOOTERKAROZZA IBRIDA

Se taħsibha darbtejn qabel il-btala li jmiss? Jekk m'intix se tmur wisq 'il bogħod, tista' tikkonvinċi lill-ġenituri tiegħek biex tivvjaġġaw bil-ferrovija minflok bl-ajruplan.
